# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***


**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 84**

**Nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2019, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 84 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 8 ta' Mejju 2019, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Clayton Gauci – Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Eman Vella – Deputat Sindku
Mario Sammut - Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:24pm.

ii. Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

v. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

84.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

84.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

84.4 Korrispondenza

84.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

84.6 Rapporti;

84.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

84.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;

84.9 Mozzjonijiet;

84.10 Aġġustamenti tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2018

84.11 Tmiem tal-Laqgħa u data għal-laqgħa li jmiss

TMIEM

**84.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

84.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva 2 noti ta' apoloġija għal din il-laqgħa, jiġifieri mingħand id-Deputat Sindku Eman Vella u mingħand il-Kunsillier Mario Sammut.

84.1.2 Il-Kunsill aċċetta dawn iż-żewġ apoloġiji.

**84.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

84.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**84.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

84.3.1 Is-Sindku ta rendikont tax-xogħol li kien qed isir fuq l-installazzjoni tal-outdoor gyms fil-Housing Estate.

84.3.2 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħol tal-linji li saru aktar kmieni dak in-nhar fi' Triq il-Kbira.

84.3.3 Is-Sindku informa li il-Bring In Site ta' Triq Ganfra kienet ser titneħħa kollha inkluża dik tal-ħġieġ minħabba l-użu abużiv tagħha. Ser isir talba lill-GreenMT sabiex, biex dan il-bżonn jiġi indirizzat, il-ġbir tal-ħġieħ bieb bieb jibda jsir darbtejn fix-xahar mhux darba biss.

84.3.4 Dwar l-inawgurazzjoni tal-proġett tal-Għasfura, is-Sindku semma li kien hemm rispons tajjeb u pożittiv għal-avveniment. Issa kien fadal biss ftit xogħlijiet żgħar biex dan il-proġett jiġi konkluż.

**84.4 Korrispondenza**

84.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

**84.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

84.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**84.6 Rapporti**

84.6.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**84.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

84.7.1 Ma kienx hemm punti oħra li l-Kunsill iddiskuta matul din il-laqgħa.

**84.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

84.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti numru 5/2019 li kienet tammonta għal-€20,518.74.

84.8.2 Il-Kunsill ra l-iskeda u approvaha unanimament.

**84.9** **Mozzjonijiet**

84.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet waqt din il-laqgħa.

**84.10** **Aġġustamenti tal-Estimi Finanzjarji 2018**

84.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-aġġustamenti tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2018, wara li sar l-awditjar mit-3A Malta.

84.10.2 Il-Kunsill iddiskuta dawn l-aġġustamenti u is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ħafna minn dawn l-aġġustamenti kienu ċaqliq ta' figuri u 'postings' differenti li ma kellhom l-ebda' effett fuq l-eżitu finali tal-Estimi in kwistjoni.

84.10.3 Il-Kunsill, wara dan, approva b' mod unanimu dawn l-aġġustamenti tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2018.

**84.11** **Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

84.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:19pm.

84.12.2 Il-Laqgħa numru 84 tal-Kunsill issejħet għal-nhar l-Erbgħa, 12 ta' Ġunju 2019, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***